# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 78

It-Tnejn 15 t'April 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 15 t'April 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

78.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

78.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 77 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

78.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

78.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

78.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn resident sabiex issir manutenzjoni fuq bankina fi Triq ir-Rumani fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

78.3.2 Is-Sindku ppropona sabiex isir xogħol ta' żbir, tindif u trattament fuq il-palm fi Triq L-Isqawi fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

78.3.3 Is-Sindku, għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn resident sabiex issir manutenzjoni fuq bankina fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

78.3.4 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li ġie avviċinat minn resident sabiex arblu tad-dawl li jinsab mil-linja tat-triq 'il

ġewwa, fi Triq Sant'Anjeże' fil-Munxar, jimxi b'żewġ piedi biex jiġi mal-linja tat-triq. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

78.3.5 Is-Sindku ppropona sabiex matul tmiem il-ġimgħa fil-ħinijiet ta' filgħaxija fil-jiem tas-Sajf tingħalaq parti mill-pjazza għat-traffiku. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 78.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

78.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar ilment li kien tressaq minn resident fi Triq it-Torri fix-Xlendi ħabba arblu tad-dawl li kien ġie installat viċin ħafna tal-gallarija tiegħu. Is-Sindku wieġeb li l-applikazzjoni ġiet sottomessa għand ARMS Ltd.

78.4.2 Il-Kunsillier Juliet Attard staqsiet dwar il-possibilta' ta' manutenzjoni fuq il-bandli u l-apparat tal-*gym* fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 78.5 Proġetti fil-Lokalita';

78.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser ikun qed jiġi ffirmat il-kuntratt għax-xogħlijiet relatati mas-sistema tas-CCTV Cameras fil-Munxar u x-Xlendi wara li saret laqgħa mal-kuntrattur li rebaħ l-offerta flimkien mal-Inġinier ta' dan il-proġett. Ix-xogħol mistenni jibda fil-ġranet li ġejjin.

78.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li b'kontinwazzjoni mat-tisbieħ fix-Xlendi liema xogħol kien jinkludi sistema ġdida ta' fanali dekorattivi kif ukoll installazzjoni ta' *railing* ġdid, fil-jiem li għaddew ġew installati l-fanali solari fil-passaġġ ta' taħt Triq il-Kantra.

## 78.6 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2023;

78.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2023 flimkien mar-rapport tal-ħidma tal-membri tal-Kunsill skont ir-responsabiltajiet assenjati lilhom, liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel.
Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2023 ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 78.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

78.7.1 Il-Kunsill irċieva notfika minn HSBC Malta PLC sabiex jiġi mġedded il-ftehim għal sena oħra b'effett mit-12 ta' Diċembru 2024 bl-istess kundizzjonijiet għall-kiri tal-*kiosk* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri preżenti li din hija l-aħħar estensjoni possibbli skont il-kuntratt iffirmat u datat 5 ta' Marzu 2020. Kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti għal din l-estensjoni.

78.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Għaqda Għajn Tuta Kerċem sabiex il-Kunsill jikkunsidra jekk għandux oġġezzjoni biex tingħalaq Triq Ix-Xlendi għat-traffiku nhar it-12 ta' Lulju 2024 bejn id-9.00pm u l-10.00pm minħabba il-ħruq in-nar tal-ajru fil-festa ta' Kerċem. Kien hemm qbil mill-membri li ma jsibux oġġezzjoni għal dan.

78.7.3 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni minn Transport Malta għall-proposta tal-Kunsill sabiex tiġi nstallata tabella "No Entry Except for Boat Owners and to Render a Service" ħdejn l-entratura għall-moll tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

78.7.4 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni minn Transport Malta għall-proposta tal-Kunsill sabiex jiġu nstallati *bollard signs* mat-*traffic islands* ta' Triq il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

78.7.5 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni minn Transport Malta għall-proposta tal-Kunsill sabiex jiġu nstallati żewġ *bollards* fuq il-bankina ħdejn is-*supermarket* fi Triq il-Professur Ġuże' Aquilina fil-Munxar sabiex jiġi żgurat aċċess liberu fuq il-bankina. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

78.7.6 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni minn Transport Malta għall-proposta tal-Kunsill sabiex kull meta Triq Il-Għajn jew Triq Ix-Xlendi tingħalaq għat-traffiku u l-vetturi jiġu devjati għal Triq Il-Munxar, issir devjazzjoni oħra u kull min ikun nieżel ix-Xlendi (apparti għar-residenti ta' Triq Il-Munxar) jgħaddi minn Triq Il-Madonna tal-Karmnu għal Triq Ras Il-Bajjada. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

78.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Project Green b'talba għall-informazzjoni fuq l-ispazzji pubbliċi li l-Kunsill għandu fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser iwieġeb għall-informazzjoni mitluba.

78.7.8 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sezzjoni Żgħazagħ Pawlini Munxarin sabiex jingħataw rimbors tal-ispejjeż relatati mas-servizzi tal-Protezzjoni Ċivili waqt l-attivita' tal-'Fireworks and Gastronomy Festival 2024' u l-attivitajiet tal-Festa 2024. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir applikazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex skont iċ-ċirkulari AKL 2023/045.

78.7.9 Ċirkulari DG 3/2024 – Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens. Il-Kunsill innota l-kontenut.

78.7.10 Ċirkulari Nru AKL 2024/024 – Taħdidiet dwar it-Tisjir bil-Malti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

78.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/025 – Save the Date: 29th ECAD's Mayors' Conference June 12, 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

78.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/026 – RIGHTS Training: Second Round sessjonijiet ġewwa Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

78.7.13 PQ 18117 – Ġbir tal-Iskart Domestiku : Nefqa. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

78.7.14 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:
• Festa Tfal – Triq Madonna tal-Karmnu, Pjazza Tal-Knisja, Triq Dun Spir Gauci, Munxar – 18 ta' Mejju 2024.
Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu bħal edizzjonijiet passati, filwaqt li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

78.7.15 Ilment 08/2024
Resident jitlob sabiex tinżabar siġra fi Triq Il-Kavallieri fix-Xlendi minħabba l-periklu li qed tikkaġuna peress li qed tikber ġol-*cables* tad-dawl tat-triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni minħabba l-periklu li tista' tikkawża.

78.7.16 Ilment 09/2024

Resident jissuġġerixxi *double yellow lines* sabiex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi biex jimlew l-ilma mill-Wied tax-Xlendi fejn jieqaf il-ħajt tas-sejjieħ u saru *bollards* minflok. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan is-suġġeriment minħabba li l-*bollards* li kienu saru u l-ħajt tas-sejjieħ waqaf sa dak il-punt, apposta biex ikun hemm post ieħor għall-bdiewa u għal dawk li jagħmlu użu mill-ilma li jtellgħu minn hemm.

**78.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

78.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 78/2024-8 għall-perjodu bejn it-22 ta' Marzu 2024 u l-15 t'April 2024 li tammonta għal €32,179.90 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

**78.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

78.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 30 ta' Mejju 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |